

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15382/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0319 (NLE)

COLAC 140

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 723 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti ta' Messiku, min-naħa l-oħra biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 723 final.

Mehmuż: COM(2017) 723 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2017
COM(2017) 723 final

2017/0319 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Tiolet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti ta' Messiku, min-naħa l-oħra biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha**

Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni ("il-Ftehim Globali"), kien iffirmit fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument ġuridiku għall-konklużjoni tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Globali ("il-Protokoll"), biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kroazja impenjat ruħha li taċċedi mal-ftehimiet eżistenti konklużi jew iffirmati mill-Istati Membri u mill-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi. Sakemm mhux previst mod ieħor fi ftehimiet speċifiċi, il-Kroazja taċċedi għal dawn il-ftehimiet eżistenti permezz ta' protokoll li l-Kunsill, li jkun qed jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri jikkonkludi mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Fl-14 ta' Settembru 2012¹, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati bil-ħsieb li jiġu konklużi l-protokoll rilevanti. In-negozjati mal-Messiku tlestew b'suċċess. Il-Protokoll propost jinkorpora lir-Repubblika tal-Kroazja bħala parti għall-Ftehim Globali bejn l-UE u l-Messiku. It-testi tal-Ftehim Globali u tal-Att Finali fil-lingwa Kroata ser isiru awtentiċi taħt l-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn tal-Ftehim.

Dan il-Protokoll se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data ta' meta l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li jkunu lestew il-proċeduri interni rilevanti. Madankollu, il-Protokoll se japplika b'mod provviżorju sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiżi terzi wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Tiolet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti ta' Messiku, min-naħa l-oħra biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 211, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku min-naħa l-oħra (il-Ftehim Globali), kien iffirmit fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.
- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kroazja impenjat ruħha li taċċedi mal-ftehimiet eżistenti konklużi jew iffirmati mill-Istati Membri u mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Sakemm mhux previst mod ieħor fi ftehimiet speċifiċi, ir-Repubblika tal-Kroazja taċċedi għal dawn il-ftehimiet eżistenti permezz ta' protokoll konklużi bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiżi terzi kkonċernati.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati bil-ħsieb li jiġu konklużi l-protokoll rilevanti.
- (4) In-negozjati mal-Istati Uniti tal-Messiku biex jintlaħaq ftehim dwar it-Tiolet Protokoll Addizzjonali biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea tlestew b'suċċess.

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill b'dan japprova, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, it-Tiolet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti

tal-Messiku, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea².

Artikolu 2

Skont l-Artikolu 5(2) tat-Tielet Protokoll Addizzjonali, it-Tielet Protokoll Addizzjonali għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri interni meħtieġa għal dak l-għan.

Artikolu 3

Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-President tiegħu jaħtar lill-persuna/i li jkollhom is-setgħa jagħtu n-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tat-Tielet Protokoll Addizzjonali.

Artikolu 4

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² It-test tal-Protokoll għie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU L..., flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.